Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

MINUTI

LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI

ID-DISA' LEĠISLATURA 2024

SEDUTA NUMRU 36

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta nhar it-Tnejn 13 t'April 2026 fl-16.30.

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |
| Miguel Balzan | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |
| Lucia Vassallo | - | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Segretarju Eżekuttiv

*Skużati:*

*Viċi Sindku – Jordan Galea Pace*

*Kunsillier – Maryanne Abela*

*~~Kunsillier – Rowena Scicluna~~*

*Kunsillier – Anna Pisani*

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

36.1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

36.1.1 Il-Minuti tas-Seduta Nru. 35 ġew approvati. Il-Kunsillier T.Valentino pproponiet u l-Kunsillier M. Balzan issekonda.

36.2 PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

36.2.1 Il-Kunsillier M.Balzan staqsa jekk il-GREENS ġiex avviċinat sabiex ma jħallux *trolleys* barra fit-triq. Is-SE infurmat li GREENS ġie infurmat dwar din il-materja.

36.2.2 Il-Kunsillier T.Valentino staqsiet jekk kienx hemm xi żvilluppi ġodda dwar meta se jiġi installat chairlift tas-sala. Is-SE infurmat li għal bidu ta' Mejju, dan se jkun installat.

36.2.3 Il-Kunsillier E.Rossignaud staqsa fiex waslet l-applikazzjoni għall-fondi dwar il-proġett ta' Wiżna ma' Qasam. Is-SE infurmat li l-Perit qiegħed jipprepara l-applikazzjoni mal-PA hekk kif jkollna dan il-permess, se nkunu nistgħu nisstomettu l-applikazzzjoni għall-fondi ta' DPF.

36.3 RAPPORT MIS-SINDKU

36.3.1 Is-Sindku ppreżenta r-rapport tiegħu li se jkun anness ma' dawn il-Minuti bħala App. A.

36.3.2 Hu nforma li fi 13 ta'Marzu Il-Kunsill Lokali ltaqa' biex jiddiskuti l-pont propost fi Triq Sant Andrija wara li dan l-aħbar ġiet ippublikata mis-Sindku ta'Pembroke fuq il-mezzi soċjali. Ġie maqbul li passaġġ taħt l-art f'lok iktar popolari jkun aktar adattat. Is-Segretarju Eżekuttiv intalbet sabiex torganizza laqgħa urġenti mal-Kap Eżekuttiv ta' IM. Is-Sindku

36.3.3 Fis- 16 ta' Marzu saret laqgħa dwar is-siġar li fadal fi Ġnien Maurice Caruana Curran

- Preżenti: Perit Dieter Falzon u l-Horticulturalist Herman Schifo
- Id-daqs u n-natura tal-għeruq ġew diskussi
- Intqal li minħabba l-ispazju limitat, is-siġar ma jistgħux jiġu salvati
- Rapport intbagħat lill-ERA u issa qed nistennew ir-rispons tagħhom

36.3.4 Fl-istess ġurnata saret laqgħa dwar l-istat ta' Triq l-Uqija. Saret diskussjoni dwar xogħlijiet ta' tiswija meħtieġa mal-Perit tal-Kunsill fejn ġie stabilita li l-ispiża hija ta' madwar 100k. Is-Sindku nforma li se jkun jistaqi għall-għajnuna tal-Public Works.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

36.3 RAPPORT MIS-SINDKU – ikompli

36.3.5 Fis-16 ta' Marzu flimkien mal-Kunsillier M.Abela u s-SE, is-Sindku attenda għal laqgħa ma' Ms Anne McKenna.

- Ġie diskuss kif il-Kunsill jista' jgħin lill-għaqda ta'perusni neqsin mid-dawl

36.3.6 Fis-17 ta'Marzu, is-Sindku flimkien mas-SE iltaqgħu ma' rappreżentat tal-Hudson dwar il-manutenzjoni tal-mini ta' Triq is-Swieqi.

36.3.7 Fl-istess ġurnata saret laqgħa sabiex tiġi diksussa l-attivita proposta 'Minn Pjazza għal Pjazza'. Il-Bord tal-attivitajiet flimkien mal-Kunsillier L. Vassallo iddiskutew it-tema bl-għajnuna tas-Sur James Hamberger minn naħa tar-Reġjun Lvant.

36.3.8 Fi 18 ta'Marzu saret laqgħa mal-Enemalta fl-uffiċini tagħhom fil-Marsa:

- Preżenti: Segretarji Eżekuttivi ( Swieqi & Iklin) , Sindki (Swieqi & Iklin) u uffiċjali tal-Enemalta
- Enemalta infurmaw dwar xogħlijiet f'Ibrag Road, Victoria Gardens u lejn Iklin
- Xogħlijiet relatati ma' cables tal-eletriku
- Se jibdew lejn Ġunju

36.3.9 Fl-20 ta'Marzu saret laqgħa mal-Community Police dwar is-sigurtà u r-ronda fil-lokalità issa li se jibdew il-problemi kollha tas-sajf.

36.3.10 Fi 23 ta'Marzu saret laqgħa bejn il-membri tal-Kunsill ta' Tfal tas-Swieqi kif ukoll ma' tfajjel Thomas Gatt li hu responsabli mill-progett ta' Ġnien it-Tabib Mario Tabone. Dawn iddiskutew kif jistgħu jorganizzaw iż-żamma ta' dan il-ġnien u x'tip ta' sigar/arbuxelli għandhom jinżergħu.

36.3.11 Fl-24 ta' Marzu, is-Sindku attenda għal-laqgħa tar-Reġjun Lvant fejn ġie diskuss il-kuntratt ta' ġbir ta' skart. Jidher li r-Reġjun wasal biex jibda' l-preparamenti fuq is-sejħa li jmiss.

36.3.12 Is-Sindku nforma li flimkien mal-Perit Valentino nhar il-25 ta'Marzu, attendew għal laqgħa mar-residenti ta' Triq il-Ġmiel / Triq Kajjarum.

36.3.13 Fis-23 ta'Mazru saret laqgħa ma' residenti Triq il-Qantar

- Preżenti: ES u żewġ residenti
- Diskussjoni dwar problemi ta' żvilupp massiv fil-bini ta' Triq S.Cannatai
- Kwistjonijiet ta' ilma li jżomm quddiem ir-residenzi u cables li hemm ma' arblu

36.3.13 fis-6 t'April, is-Sindku flimkien ma-Kunsillier M. Abela iltaqgħu ma'IM dwar il-pont propost bejn Pembroke/Swieqi.

36.3.16 Fl-istess ġurnata saret l-attvita' tal-Għid il-Kbir. Is-Sindku rringrazzja lil Kunsillier M.Abela kif ukoll lill-istaff li għal darb oħra din l-attivita' kienet success.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

36.3 RAPPORT MIS-SINDKU – ikompli

36.3.17 Fis-7 t'April saret laqgħa mal-Community Police dwar neighbour hood watch u r-rapporti tal-vandaliżmu li diġa' qed nesperjenzaw fil-lokalita'.

36.3.18 Nhar it-8 t'April saret laqgħa dwar il-possibilta' ta' sonsorship ta' tisqija ta' pjanti għal 5 snin li ġejjin minngħand FRANK SALT. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti il-Kunsillier M.Abela.

36.3.19 Fi 9 t'April saret laqgħa oħra li kienet skedata minn qabel ma' CEO ta' IM.

- Preżenti IM CEO u assistent
- Il-Kunsill spjega n-nuqqas ta' qbil mal-pont
- Proposta ta' expropriation u underpass
- Diskussjonijiet oħra:
    - Triq il-Ġiebja / Josef Kalleja (it-taraġ)
    - Triq il-Qasam / St Andrews (triq ġdida proposta)

36.3.20 Nhar it-13 t'April, saret laqgħa mal-Perit Falzon, dwar il-proġett tal-Madliena. Wara dikuszzjoni, ġie deċiż li jiġu emmendati l-pjanti sabiex jirriflettu x-xewqa tal-Kunsill.

36.3.21 Il-Kunsilli irringrazzja lil MTA talli provdew għajnuna finanzjarja lill-Kunsill sabiex jinxtraw 2 bankijiet li se jkunu qed jitpoġġew fi Triq is-Sejjieħ.

36.3.22 Fi 13 t'April saret laqgħa mal-Perit Falzon u s-Sur Herman Scifo dwar is-sitwazzjoni tal-ħajt ta' Triq il-Ħemel. Ġie deċiż li jinżergħu ħdax-il sigra b'kollox u li kemm jista' jkun, jkunu maturi.

36.3.23 Is-Sindku nforma li flimkien mar-Reġjun Lvant u bl-għajnuna tal-Kunsiller R. Scicluna, issa se nkunu nistgħu ineħħu mit-toroq tagħna vetturi b'liċenzji skaduti li jkunu qed jokkupaw spazji ta' parkeġġ pubbliċi skont m'hemm indikat fl-Avviż Legali.

36.3.24 Is-Sindku nforma li bl-għajnuna tal-Kunsilier R.Scicluna l-ktieb dwar l-ismijiet tat-toroq intbagħat biex jiġi stampat.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

36.4 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

Mill-Kunsillier M.Balzan

36.4.1 Il-Kunsillier staqsa fiex wasal l-andament sabiex jiġi rrikordjat l-innu tas-Swieqi. Is-SE infurmat li s-Sur Keith Muscat hu diġa' infurmat b'dan u qed jistenna li jiltaqa' mal-Kunsillier T. Valentino u M. Balzan biex jibda' ix-xogħol relatat.

36.4.2 Hu staqsa jekk hux possibli li titranġa bankina f Triq Villa Rosa quddiem nru.18. Is-SE infurmat li se jkun qed jiġi ppreparat rapport mill-Perit sabiex jekk Public Works jaċċettaw, jgħinuna b'dan ix-xogħol.

36.4.3 Il-Kunsillier talab sabiex jingħatlu break-down tal-ispejjeż relatat ma' konsulenti. Is-SE infurmat li se tkun qed tgħaddilu dan *break-down* skont il-figura indikata fil-financial statements sa Diċembru 2025.

Mill-Kunsillier E.Rossignaud

36.4.4 Il-Kunsillier staqsa fiex wasal il-proġett ta' Triq il-Wiżna k/m Triq il-Qasam, is-SE infurmat li l-Perit qed jipprepara l-applikazzjoni għal DNO permit u hekk kif din tiġi approvata minn naħa tal-PA, se tkun qed tiġi ppreparata l-applikazzjoni għal DPF.

Mill-Kunsillier R.Scicluna

36.4.5 Il-Kunsillier staqsiet dwar x'inhi sitwazzjoni fil-preżent tad-dawl ta' Triq E.Barthet. Is-SE infurmat li tiswijiet neċċessarji saru u suppost id-dawl qed jaħdem b'mod normali.

36.4.6 Rigward iz-zebra crossing ta' Triq il-Keffa, il-Kunsillier staqsiet dwar meta se jkun qed jibda' ix-xogħol. Is-SE infurmat li fadal biss il-permess ta' Road Permitting. Hekk kif dan jiġi approvat, se jkun qed jibda' x-xogħol. Is-SE infurmat li se jkunu qed jintilfu 2 parking bays man-naħa tal-Għassa.

36.4.7 Il-Kunsillier staqsiet jekk hux possibli li traffic calmer li hemm fi Triq is-Sidra ftit l'isfel mill-Garden View tersaq iktar viċin lejn zebra crossing. Dan biex tkun iktar effetiva u s-sewwieqa jnaqqsu sew mill-veloċita' ġa la darba hemm il-possibilta' li jaqsmu nies.Is-SE infurmat li se tkun qed tiċċekja dwar dan.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

36.4 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

Mill-Kunsillier T.Valentino

36.4.8 Il-Kunsillier infurmat li nhar it-22 t'April, se ssir vista fil-Palazz tal-President ta' San Anton. Il-Kunsillier infurmat li hemm konkorenza tajba ħafna u stidnet lil Kunsilliera sabiex jattendu peress li se jkunu qed jiltaqgħu mal-President.

36.4.9 Il-Kunsillier infurmat li ġie propost membru ġdid għal Bord ta' Ġieħ is-Swieqi. Il-Kunsilleir infurmat li dal-waqt irridu jibdew il-preparamementi meħtieġa.

36.4.10 Hija staqsiet jekk hux possibli jsir kuntatt ma' Porject Green sabiex ningħataw xi siġar/arbuxelli biex jiġu miżrugħa fil-bidu ta' Triq l-Arti ma' Triq il-Ġiżimin. Is-SE infurmat li se tkun qed tiċċekja dwar dan.

36.5 APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI U XIRI IEĦOR

L-iskeda tal-pagamenti nru. 23 ġiet ippreżentata lill-Kunsill.
Din l-iskeda intbagħtet minn qabel lil kull Kunsillier permezz ta' imejl.

36.6 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

36.6.1 Is-SE ippreżentat żewġ applikazzjonijiet t'hawn taħt:

- **SPI.SCI.02.2026 - Finanzjament - Lokalitajiet aktar nodfa 2026**
  Permezz ta' din l-applikazzjoni, il-Kunsill se jkun qed jitlob biex jinxtraw 2 ash-trays sabiex jitwaħħlu fi Triq is-Swieqi ħalli dawk kollha li jpejpu jkunu mħeġġa jarmu l-irmid tas-sigaretti f'dawn l-ash trays.

- **SPI.SCI.01.2026 - Finanzjament - Attivitajiet Kulturali Annwali 2026**
  Permezz ta' din l-applikazzjoni, il-Kunsill se jkun qed jitlob biex issir l-attivita' annwali ta' SwieqiFest fil-11 u 12 ta' Settembru.

36.6.2 Is-SE staqsiet dwar x'inhi l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-fethim propost ma' Black Leaf. Il-Kunsillieri R.Scicluna u M. Abela se jkunu qed jiċċekjaw dan il-ftehim.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv